MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.

## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta ta' l-10 ta' April, 2014

Avviz Numru. 295/2013

**P.J. Sutters (Marketing) Limited [C35984]**

**vs**

**Giuseppe's Group Limited (C54459)**

**u**

**Kenneth Vella**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors tas-socjeta' attrici li gie pprezentat fir-Registru ta' din il-Qorti nhar is-27 ta' Settembru 2013 fejn talbu lil din il-Qorti tikkundanna lill-konvenuti ihallsuha s-somma ta' disat telef, tlett mija u hames ewro u disa' centezmi (€9,305.09) rapprezentanti bilanc tal-prezz tal-merkanzija minnhom ordnata u lilhom ikkonsenjata.

Bl-ispejjez inkluz dawk tal-Mandat ta' Sekwestru katerlatorju pprezentat kontestwalment u bl-imghax kummercjali b'effett mis-6 ta' Dicembru 2012 li hija d-data ta' l-ahhar invoice kontra l-konvenuti ngunti in subizzjoni.

Rat illi s-socjeta' konvenuta giet debitament notifikata skond riferta pozittiva tal-Marixxall John Francica datata 17 ta' Marzu 2014 fejn thalliet kopja tal-avviz fl-indirizz tas-socjeta' konvenuta kif moghti fir-rikors promotur (fol. 17 tergo). Inoltre dakinhar thalliet kopja tar-rikors promotur fil-Kunsill Lokali ta' San Giljan u fl-Ghassa tal-Pulizija ta' San Giljan u l-konvenut gie notifikat permezz ta' riferta pozittiva tal-Marixxall Ivan Spiteri Bianchi datata 18 ta' Marzu 2014.

Rat illi s-socjeta' konvenuta flimkien mal-konvenut giet notifikata dwar ir-rikors permezz ta' publikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern nhar l-1 ta' April 2014 (fol 16) u fil-gazzetta lokali L-Orizzont nhar it-8 ta' April, 2014.

Rat illi fis-seduta tad-9 ta' April 2014 is-socjeta' konvenuta u l-konvenut gew imsejha izda ma dehrux biex jikkontestaw it-talba attrici.

Rat illi l-avukat difensur tas-socjeta' attrici pprezenta kapitolu ghas-subizzjoni tal-konvenuti dakinhar tad-9 ta' April 2014.

Rat illi fis-seduta tal-10 ta' April 2014 il-konvenuti ma dehrux ghas-subizzjoni taghhom.

Ghaldaqstant il-Qorti, wara li semghet lill-avukat difensur tas-socjeta' attrici jghid li d-debitu ghadu dovut, issib li t-talba tas-socjeta' attrici tirrizulta gustifikata u timmerita konferma.

**Il-Qorti qieghda ghalhekk tilqa' t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenuti in solidum jhallsu lis-socjeta' attrici is-somma ta' disat telef, tlett mija u hames ewro u disa' centezmi (€9,305.09) ghar-ragunijiet indikati fir-rikors, bl-imghaxxijiet legali skond il-ligi dovuti mil-lum.**

**Bl-ispejjez kif mitluba fir-rikors promotur mis-socjeta' attrici kontra l-konvenuti.**

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------